MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Mandat Numru. 1611/2014/1

**Rikors ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni Numru 1611/2014/LSO fl-ismijiet:-**

**Juliette Tango Holdings Limited (C-48642)**

**vs**

**Raymond Agius (K.I. 116054M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors prezentat mir-rikorrenti Juliette Tango Holdings Limited (C-48642), debitament rapprezentata minn Jeremy Tan, detentur tal-Karta ta' l-Identita` Maltija Numru 00486284 pprezentat fit-22 ta' Ottubru 2014 fejn jikkonferma bil-gurament : -

Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jitrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta` u b'mod partikolai (1) l-'erba' mija u disgha u disghin (499) sehem li huwa ghandu fis-socjeta' Southcliff Developments Limited (C-27802) inkorporata fir-Repubblika ta' Malta nhar l-1 ta' Marzu 2001 u li ghandha l-indirizz ufficjali taghha fi 86, Triq Manwel Dimech Sliema u (2) id-disat elef disa' mija u disgha u disghin (9,999) sehem fis-socjeta` Thirteen Four Investments Limited (C-17268) inkorporata fir-Repubblika ta' Malta nhar l-20 ta' Dicembru 1994 u li ghandha l-indirizz ufficjali taghha f' 206, Triq Santu Rokku, Birkirkara.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din il-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.

Rat id-digriet tas-16 ta' Ottubru 2014 fejn il-Qorti laqghet it-talba provizorjament u ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem (4) zmien ghar-risposta; irriservat li tipprovdi definittivament fi stadju ulterjuri, u appuntat l-Mandat ta' Inibizzjoni ghas-smigh ghas-6 ta' Novembru 2014 fil-11:00a.m.

Rat ir-risposta ta' Raymond Agius datata 28 ta' Ottubru 2014.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-6 ta' Novembru 2014 fejn deher Jeremy Tan in rapprezentanza tas-socjeta' rikorrenti assistit minn Dr. Leonard Caruana filwaqt li l-intimat u d-difensur tieghu, imsejhin tlett darbiet ma deherux. Dr Caruana esebixxa diversi dokumenti **(Dokti. LC2 sa LC8.)**

Semghet lid-difensur tar-rikorrenti, rat id-dokumenti kollha esebiti u ddifferiet ir-rikors ghall-digriet kamerali.

**Ikkunsidrat**

Permezz ta' din it-talba, is-socjeta` rikorrenti **Juliette Tango Holdings Limited** qed titlob sabiex l-intimat jigi inibit milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi bil-mezzi indikati fir-rikors tal-ismha registrati fuq ismu fis-socjetajiet **Southcliff Developments Limited (C27802)** (499 ishma), u **Thirteen Four Investments Limited (C17268)** (9,999 ishma). Il-hrug ta' dan il-mandat qed jintalab sabiex is-socjeta' rikorrenti tikkawtela l-kreditu pretiz taghha ta' mitejn u tnax-il elf ewro (€212,000) konsistenti f'multa gornaljera ta' elf ewro (€1,000) ghal kull jum ta' ksur tal-kondizzjonijiet tal-ftehim iffirmat bejn il-partijiet nhar l-14 ta' Jannar 2010 .

L-intimat oppona ghat-talba billi allega li dan huwa t-tieni mandat ta' inibizzjoni li pproponiet is-socjeta` rikorrenti fuq l-istess pretensjonijiet, liema talba originali kienet giet michuda b'Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta **(MI 1375/14 EG)** fil-15 ta' Ottubru 2014. Inoltre li

l-ispejjez tal-ewwel proceduri ghadhom ma thallsux mir-rikorrenti u ghalhekk dan ukoll jimmilita kontra l-ammissibbilta' tat-talba odjerna. Fil-mertu jghid li mhuwiex responsabbli ghall-ebda penali ghalhiex ma naqasx fil-konfront tas-socjeta` rikorrenti. Ghall-kuntrarju, agixxa biex ipprotegi n-negozju tal-kumpanija a beneficcju wkoll tas-socjeta' rikorrenti.

Il-fatti sintetikament huma s-segwenti. Jirrizulta li s-socjeta' rikorrenti kienet dahhlet fi ftehim ma' **Alpha Investments Limited** kif ukoll ma' Raymond Agius u bintu Daphne Agius fil-kwalitajiet personali taghhom. Raymond u Daphne Agius huma wkoll azzjonisti fis-socjeta Alpha Investments Limited. Skont il-ftehim **(Dok. LC7),** datat l-14 ta' Jannar 2010, is-socjeta' rikorrenti obbligat ruhha li tiffinanzja zvilupp ta' proprjeta'. L-Avukat Marco Ciliberti kien l-uniku Direttur f'din il-Kumpanija. Skont il-ftehim imsemmi, l-intimat, kif ukoll bintu Daphne Agius, iggarantixxa li :

"*until such time as shares are allotted in favour of Juliette Tango Holdings Limited:*

*2.1.1. they shall not exercise their right to appoint directors;*

*2.1.2. they shall not exercise their right to remove Doctor of Laws Marco A. Ciliberti from the office of director of the company (Alpha Investments Limited);*

*2.1.3. they shall not seek to exercise any of their rights as shareholders of the Company, including but not limited to the right to vary or amend the Memorandum and Articles of Association of the Company, unless*

*any intended exercise of such rights is consented to in writing by Juliette Tango (Holdings) Limited;*

*2.1.4. that the management of the company shall vest in its entirety (in) its sole director, Doctor of Laws Marco A. Ciliberti who shall in every respect seek to act in the best interests of all the parties to th is agreement and primarily to honour the profit sharing agreement."*

Skont l-artikolu 3.1.2. hemm stabbilit penali ta' elf ewro (€1000) ghal kull gurnata li l-intimati jkunu fi ksur tal-obbligi kontrattwali taghhom.

Gara li fl-24 ta' Frar 2014 Raymond Agius innomina lilu nnifsu bhala Direttur minnflok l-Avukat Marco Ciliberti (ara Form K esebit f'**DOK LC8).**

Is-socjeta' rikorrenti tilmenta li dan jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-ftehim bejn il-kontendenti u jesponi lill-intimat ghall-hlas tal-penali stipulati fl-imsemmi ftehim.

**Eccezzjonijiet sollevati fir-risposta**

L-intimat allega li dan il-mandat hu identiku ghall-mandat precedenti fejn it-talbiet tas-socjeta' rikorrenti gew michuda. Dan hu ilment serju u, jekk jirrizulta ippruvat, jwassal ghall-abbuz procedurali u ghac-cahda tat-talba odjerna.

Illi kopja legali ta' dan il-Mandat li jgib in-numru 1375/14 fl-istess ismijiet premessi, giet esebita bhala **DOK LC1**.Bid-Digriet taghha moghtija fil-15

ta' Ottubru 2014, din il-Qorti kif diversament presjeduta jghid hekk: "*Il-Qorti qieghda tichad it-talba tas-socjeta' rikorrenti sabiex jigi inserit fil-Mandat element mehtieg ad validitatem (il-kawzali) u billi mill-atti jirrizulta li l-Mandat huwa nieqes minn dawn l-elementi u cioe` mill-origini u mix-xorta tal-pretenzjoni tas-socjeta' rikorrenti li qieghed jitlob li jigu imharsa qieghda tichad it-talba...*"

Jirrizulta manifest li d-decizjoni tal-Qorti fuq citata kienet ibbazata fuq nuqqas ta' rekwizit procedurali mehtieg 'ad validitatem' u mhux fuq ir-rekwisiti sostantivi mehtiega ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, fuq liema qaghad ma hemmx decizjoni .

Ghalhekk din l-eccezzjoni mhiex qed tigi milqugha.

Riferibbilment ghall-improponibbilta' ta' din l-azzjoni *stante* li ma thallsux l-ispejjez tal-ewwel Mandat, (ara art.907(2) tal-Kap.12) ir-rikorrenti esebiet korrispondenza, email u kopja ta' cekk mahrug pagabbli lill-avukat tal-intimat skond taxxa ukoll annessa (**Dokt LC2-LC5)**. Huwa minnu li dan il-hlas sar fil-mori ta' dawn il-proceduri . F'dan ir-rigward din il-Qorti tikkondividi l-hsieb espress fil-kawza **"Falzon v Camilleri "**, (Qorti ta' l-Appell, 8 ta’ Frar 1943) fejn giet applikata t-teorija tal-*jus superveniens"* biex tissana l-proceduri introdotti quddiemha. (Ara PA (JA) "**Carmelo sive Charles Farrugia v Michael Camenzuli et"** - dec. fit-28 ta' Frar 2011 u l-gurisprudenza hemm iccitata).

**Elementi Sostantivi ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni**

Premess li l-ghan ta’ talba ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli taghmel xi haga li tista’ tkun ta’ hsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-hrug tal-mandat.

Bil-ligi jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta’ mandat bhal dak. L-ewwel haga li jrid juri hi li l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta’ hrug tieghu ir-rikorrenti ser isofri pregudizzju; it-tieni haga hi li r-rikorrent ikun jidher li ghandu *prima facie* dawk il-jeddijiet. Dawn iz-zewg elementi huma kumulattivi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta’ mandat bhal dak; inoltre huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghandha tuza interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni bhal kull mandat kawtelatorju isir fi zmien meta l-pretensjoni ma tkunx ghadha giet guridikament accertata u stabbilita.

Illi l-Qorti, wara li rat il-ftehim (**Dok. LC7)** hi tal-fehma li gie stabbilit '*prima facie'* l-bazi kuntrattwali ghall-pretensjoni fil-mertu tar-rikorrenti. Il-Qorti taghmilha cara li din mhix kawza fil-mertu izda biss talba ghal provvediment kawtelatorju fil-konfront tal-intimat fuq il-beni tieghu minhabba pretensjoni pekunjarja. Jirrizulta li l-intimat ipprezenta l-Form K fejn avza li gie appuntat bhala Direttur b'effett mill-24 ta' Frar 2014 minnflok Dr. Marco Ciliberti bi ksur *prima facie* tal-klawsola 2 tal-ftehim. (**Dok.LC8)**. B'hekk jesponi ruhu ghall-applikazzjoni tal-penali li, skont id-difensur tar-rikorrenti, hu ikkalkolat ghal kull gurnata mid-data tal-24 ta' Frar 2014.

Id-difensur tas-socjeta' rikorrenti ssottometta li l-unici assi registrati f'isem l-intimat huma l-ishma indikati fir-rikors odjern u li m' ghandux assi

ohra, inkluz assi immobbli li jistghu jaghmlu tajjeb ghall-pretensjoni pekunjarja taghha.

Illi l-Qorti hija soddisfatta li s-socjeta' rikorrenti, fid-dawl tal-premess, m'ghandhiex mezz kif tiggarantixxi li d-drittijiet taghha jistghu jigu preservati jekk il-mandat ma jintlaqax fil-konfront tal-intimat fuq l-istess ishma registrati f'ismu.

**Decide**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-atti kollha relattivi jirrizultalha li gie ppruvat *prima facie* d-dritt vantat mis-socjeta' rikorrenti u li wkoll jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni, u ghalhekk **tilqa' t-talba kif dedotta** ghall-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

L-ispejjez tal-Mandat jithallsu mill-intimat.

**Degretat**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------